# Programm ta' tagħlim tal-Malti Rotta 1

## Il-Ħames Sena

| |
|---|
| **1. <u>Is-smigħ</u>** |
| **Il-miri tat-tagħlim:**<br>**L-istudenti jkunu kapaċi jisimgħu ġeneri differenti ta' taħdit u juru li qed isegwu l-fil ewlieni ta' dak li qed jisimgħu. Għalhekk huma jridu:** |
| 1. jisimgħu b'attenzjoni s-silta u jwieġbu l-mistoqsijiet fuqha. |
| 2. jagħżlu l-fatti mill-opinjonijiet li jisimgħu fis-silta. |
| 3. jagħtu kas tad-dettalji li jisimgħu biex jiffurmaw stampa f'moħħhom u jitkellmu fuqha. |
| 4. jagħmlu inferenzi u jagħtu interpretazzjoni/reazzjoni personali għal dak li jisimgħu billi jwieġbu mistoqsijiet u jaħdmu taħriġ fuq is-siltiet. |
| **Il-kontenut suġġerit biex jintlaħqu l-miri:** |
| Smigħ ta' aħbarijiet, stejjer, ġrajjiet kurrenti, kanzunetti, leġġendi u ħrejjef Maltin/barranin u tagħrifiet fattwali li jinteressawhom. |
| **2. <u>It-taħdit</u>** |
| **Il-miri tat-tagħlim:**<br>**L-istudenti jkunu kapaċi jitkellmu b'Malti tajjeb; jesprimu ruħhom sew u li jinftiehem mill-udjenza li tisma'. Għalhekk huma jridu:** |
| 1. jiddiskutu fi gruppi żgħar biex isolvu xi problema partikulari. |
| 2. jitkellmu sewwa bi ftit li xejn żbalji grammatikali/sintattiċi/ morfoloġiċi. |
| 3. jipprattikaw it-taħdit li jmur ma' rwoli u okkażjonijiet differenti li se jsibu fil-ħajja ta' kuljum bħal intervisti għal xogħol, għand tal-ħanut, tweġib ta' telefonati, u l-bqija. |
| 4. jagħtu taħdita qasira fuq riċerka żgħira li jkunu għamlu minn qabel. |
| 5. jagħrfu japprezzaw u jitkellmu bil-Malti skont reġistri varji tiegħu bħal dak standard, djalettali, in/formali. |
| **Il-kontenut suġġerit biex jintlaħqu l-miri:** |
| 1. L-istudenti għandhom jiġu esposti għal temi ta' ġrajjiet kurrenti u topiċi u wara li jippreparaw (jistgħu jaħdmu kemm bħala grupp kif ukoll individwalment) jagħmlu preżentazzjonijiet qosra quddiem sħabhom. |

2. L-istudenti għandhom ukoll jirriċerkaw (individwalment jew fi gruppi żgħar) fuq il-personaġġi Maltin u jagħmlu preżentazzjonijiet qosra bl-użu tat-teknoloġija/ taħditiet qosra/ materjal stampat bħal leħħiet u kartelluni li jitwaħħlu fil-klassi jew proġetti u mudelli żgħar. Tista' tintuża l-lista tal-personaġġi li hemm fiċ-ĊES tal-Malti.(Ara s-sillabu tal-2015)

3. Ma' dawk imsemmija fiċ-ĊES, fil-klassi jistgħu jintużaw ukoll personaġġi oħra, kemm lokali kif ukoll barranin, minn oqsma differenti tal-ħajja tal-lum bħal dawk mid-dinja tal-isport, tat-televixin, tal-ispettaklu, tal-moda, tal-politika u oħrajn. L-għalliema jridu jaraw li filwaqt li l-personalitajiet magħżula huma ta' interess għall-istudenti, l-għan aħħari tal-preżentazzjoni huwa li l-istudenti jiksbu u jissaħħu fil-ħiliet u l-kompetenzi ewlenin tat-taħdit.

4. L-għalliema jistgħu wkoll joħolqu gruppi ta' dibattitu li jiddiskutu tema/i kurrenti fil-klassi minn aspetti differenti. Din tista' tapplika wkoll għall-preżentazzjonijiet fuq il-personaġġi li jistgħu jieħdu x-xejra ta' intervista/taħdita bejn l-għalliem/student li qed jippreżenta.

Għall-assessjar annwali, l-għalliema għandhom jiġbru l-marki li jkunu ngħataw l-istudenti f'dawn it-taħditiet u tinħareġ marka minn 20. Din tkun parti mill-marka finali tal-annwal.
Sa Frar (qabel l-eżamijiet annwali) huwa mistenni li **mill-anqas kull student ikun għamel/ ħa sehem f' żewġ ġeneri ta' taħdit minn preżentazzjonijiet/taħditiet/intervisti/dibattiti.**

## 3. Il-qari:

**Il-miri tat-tagħlim:**

**L-istudenti jkunu kapaċi jaqraw siltiet qosra mibnija minn taħlita ta' sentenzi sempliċi u komposti fuq livell litterali u referenzjali. Għalhekk huma jridu:**

1. jaqraw firxa ta' reġistri u ġeneri differenti bil-Malti.

2. jaqraw testi u jagħtu taqsira fi kliemhom/bil-kitba.

3. jaqraw it-testi biex jiffurmaw opinjoni tagħhom.

4. jifhmu u jinterpretaw dak li jkunu qraw b'referenza għall-esperjenzi tagħhom u tad-dinja ta' madwarhom.

5. jagħtu reazzjoni għal dak li jkunu qraw u jsostnuha b'argumenti li jagħmlu sens.

6. jisiltu l-idea/t prinċipali minn paragrafu/i jew test/i u jgħiduha/jiktbuha.

7. jaqraw istruzzjonijiet sempliċi li jiltaqgħu magħhom fil-ħajja ta' kuljum taħt suriet varji bħal tabelli tas-sinjali, listi ta' xirjiet, riċetti, manwali qosra.

**Il-kontenut suġġerit biex jintlaħqu l-miri:**

**A) Qari għall-gost u l-għarfien**

L-għalliema għandhom jipprovdu testi qosra u varjati (stampati jew diġitali, letterarji jew fattwali, minn kull xorta ta' midja) li jolqtu l-gosti tal-istudenti tal-klassi. L-għalliema għandhom jistiednu lill-istudenti jissuġġerulhom testi li jixtieqs li jinqraw fil-klassi u għandhom jipprovdu ħin u opportunità biex l-istudenti jaqraw fil-klassi u jkollhom aċċess

| |
|---|
| għall-kotba fil-librerija. L-għalliema għandhom iħajru lill-istudenti jiktbu siltiet qosra (fattwali u/jew fittizji) u wara li jkunu kkoreġewhomlhom, jużawhom fil-klassi bħala siltiet għall-qari, taħdit, smigħ u/jew fehim. |
| Għal skop ta' assessjar, fl-eżami annwali l-istudenti jkollhom test għall-fehim il-qari biex jitwieġbu mistoqsijiet ta' xeħtiet varji (diretti, inferenzjali, li jagħtu l-fehma u r-reazzjoni tagħhom għat-test). F'din il-parti jiġi assessjat ukoll il-fehim tal-idjomi komuni użati fit-taħdit ta' kuljum u l-qwiel Maltin li jkunu saru tul il-kors tas-sekondarja (skont il-listi uffiċjali). |
| **B) Il-letteratura** |
| **Il-Poeżiji**<br>Tul il-Ħames Sena għandhom isiru 6 poeżiji/kanzunetti b'kollox. |
| **Dawk mill-antoloġija *Bejn Ħaltejn***<br>3 poeżiji minn dawk li hemm fl-antoloġija *Bejn Ħaltejn* u li huma: *Niftakar* ta' Anton Buttigieg (p.7)*, Aqta' fjura u ibni kamra* ta' Immanuel Mifsud (p.20) u *Żagħżugħ ta' Dejjem* ta' Dun Karm (p.22). |
| **Dawk magħżula mill-għalliema**<br>3 poeżiji/kanzunetti oħra li jintgħażlu mill-għalliema skont il-gosti u l-ħtiġijiet tat-tfal ta' quddiemhom. L-għalliema huma mħeġġa li jikkonsultaw mal-istudenti tagħhom u jistednuhom jissuġġerixxu materjal li jista' jintuża għal dan il-għan. Jistgħu jinkludu xi kanzunetti jew għanjiet Maltin li jixirqu u jolqtu l-gosti tal-istudenti tal-Ħames Sena. **L-għalliema jridu dejjem jaraw li l-materjal suġġerit mill-istudenti jkun xieraq u ta' livell edukattiv.** |
| Għal skop t'assessjar fl-eżami annwali tingħata **poeżija waħda jew silta minnha** mill-antoloġija *Bejn Ħaltejn* u fiha l-istudenti jiġu mistħarrġa permezz ta' mistoqsijiet varji skont il-miri tat-tagħlim tal-qari. |
| **In-Novelli**<br>Tul il-Ħames Sena għandhom jinqraw u jiġu mistħarrġa skont il-livell tal-istudenti fil-klassi, **5 novelli mill-antoloġija *Bejn Ħaltejn*.** Madankollu l-għalliema jistgħu jżidu novelli oħra li jħoss li jogħġbu lill-istudenti tagħhom ma' dawn il-ħamsa jekk il-ħin jippermettilhom. In-novelli għandhom jiġu mistħarrġa mil-lat ta' ġrajja u plott, karattri u sfond. L-istudenti għandhom ikunu mħarrġa jagħtu r-reazzjoni tagħhom għal dak li jkunu qraw skont il-miri tat-tagħlim. |
| **In-novelli mill-antoloġija ta' *Bejn Ħaltejn***<br>In-novelli huma: *Il-Koranta* ta' Oliver Friggieri (p.37); *Ċensina* ta' Lino Spiteri (p.62); *Xtara l-ħut fil-baħar* ta' Laurence Mizzi (p.54); *Bank* ta' Frans Sammut (p.59) u *Bl-irħis* ta' Vince Vella (p.68). |
| Għal skop t'assessjar, fl-eżami annwali tingħata **silta qasira minn novella waħda** u l-istudenti jiktbu r-reazzjoni tagħhom għall-kontenut, l-aspetti u t-tematika ġenerali tagħha. |
| |
| |

## 4. Il-Kitba:

| |
|---|
| **Il-miri tat-tagħlim:**<br>**L-istudenti jkunu kapaċi jiktbu bil-Malti biex jinqdew fil-ħtiġijiet tal-ħajja ta' kuljum; biex ifissru dak li jħossu u jemmnu b'mod argumentattiv fuq temi li jolqtuhom u jogħġbuhom; kif ukoll biex ikunu kreattivi u joħolqu kitbiet sbieħ li jixhdu ħakma tajba tal-Malti. Għalhekk l-istudenti jkunu kapaċi:** |
| 1. jiktbu b'Malti tajjeb u b'espressjoni idjomatika li tinftiehem. |
| 2. jiktbu bil-Malti biex jinqdew fil-ħtiġijiet varji tagħhom fil-ħajja ta' kuljum. |
| 3. jesprimu l-opinjoni tagħhom bil-kitba għal argument sempliċi bl-għajnuniet mogħtija. |
| 4. jiktbu storja narrattiva fuq tema. |
| 5. jiktbu deskrizzjoni ta' ġrajja, persuna, post jew oġġett. |
| 6. jerġgħu jduru l-kitba u jagħmlu l-korrezzjonijiet meħtieġa qabel il-pubblikazzjoni. |
| **Il-kontenut suġġerit biex jintlaħqu l-miri:** |
| 1. L-għalliema jaraw li l-istudenti jitħarrġu biex jiżviluppaw u jiktbu **kitba qasira (minn 50 sa 70 kelma)** għal kummenti fi blogg f'gazzetta jew sit/paġna elettronika, ittra elettronika formali, ittra f'ġurnal, riklam, istruzzjonijiet, mili ta' formoli, mili ta' cv, tweġib għal applikazzjoni/avviż ta' xogħol, rapport ta' ġrajja/inċident/avveniment. |
| 2. L-għalliema jaraw li l-istudenti jitħarrġu biex jiżviluppaw u jiktbu **kitba twila (minn 180 sa 200 kelma)** għal komponiment ġenerali ta' xeħta narrattiva/deskrittiva/argumentattiva sempliċi bl-għajnuniet u wara diskussjoni fil-klassi. |
| 3. **Il-Qwiel:** Għandha ssir reviżjoni tal-qwiel (għażla minnhom) hekk kif maħruġa skont il-lista uffiċjali. Importanti li l-għalliema jfissru l-kuntest li fih jintużaw il-qwiel mogħtija u qatt m'għandhom jagħtu l-lista lill-istudenti biex jitgħallmuhom bl-amment. L-istudenti jridu jsiru konxji tal-ġmiel tal-qwiel u kemm dawn jagħtu forza lit-taħdit jew il-kitba u għalhekk jibdew minn rajhom jużawhom f'diskorshom u/jew f'kitbiethom. |
| 4. **L-Idjomi:** L-għażla tal-idjomi qed titħalla f'idejn l-għalliema li għandhom jaraw li dawk magħżula jkunu popolari u jintużaw fil-ħajja ta' kuljum u jappellaw għas-sitwazzjonijiet tal-ħajja tal-istudenti. L-għalliema għandhom jaraw li l-istudenti jitkellmu u jiktbu b'Malti idjomatiku wara li jkunu għarfu t-tifsira tal-idjomi fil-kuntest meħud minn sitwazzjonijiet qrib il-ħajja tal-istudenti. L-għalliema m'għandhomx jagħtu listi ta' idjomi biex l-istudenti jkunu jafuhom bl-amment. |
| Għall-assessjar, fl-eżami annwali l-istudenti jkollhom eżerċizzji kemm tal-kitba l-qasira kif ukoll tat-twila. Tingħata attenzjoni xierqa lill-ortografija u li kull kitba tkun b' Malti tajjeb u nieqes mill-iżbalji. Jingħataw marki għall-użu naturali li jagħmlu l-istudenti fl-inklużjoni ta' qwiel (mhux bilfors dawk biss tal-lista uffiċjali) u idjomi Maltin fil-kitbiet tagħhom. |

## 5. Il-Grammatika

**Il-miri tat-tagħlim:**
**L-istudenti jkunu kapaċi jitkellmu u jiktbu b'Malti tajjeb u li jinftiehem minn udjenza skont ir-regoli bażiċi tal-Grammatika Maltija. Għalhekk huma jkunu kapaċi:**

1. jħaddmu prinċipji grammatikali ewlenin fit-taħdit u l-kitba tagħhom bħal struttura sintattika u morfoloġika tajba.

2. jiktbu b'Malti tajjeb u korrett li jinftiehem.

**Il-kontenut suġġerit biex jintlaħqu l-miri:**
L-għalliema jaraw li jħarrġu l-istudenti f'eżerċizzji kuntestwali varji fuq:

1. it-tagħqid ta' sentenzi bl-użu ta' elementi għaqqieda ewlenin bħall-konġunzjonijiet (u, iżda, imma, għax, imbagħad;)

2. Il-verb fil-Malti: konjugazzjoni sempliċi ta' verbi sħaħ, dgħajfin, dawk li fihom l-għ,l-h u l-ie b'eżempji meħudin kemm mis-Semitiku, mir-Rumanz u mill-Ingliż.

3. It-tempijiet indikattivi (l-Imperfett, il-Perfett u l-Futur Sempliċi) tal-verb u konjugazzjonijiet f'kuntesti u eżerċizzji varjati.

4. l-Imperattiv u l-użu tiegħu f'kuntesti tal-ħajja ta' kuljum.

5. jaqilbu diskors dirett għal indirett u jżommu l-istess tifsira.

Għall-assessjar annwali jkun hemm eżerċizzji grammatikali meħudin minn kuntest ta' silta qasira li tingħata apposta għat-taħriġ grammatikali.

## 6. L-Ortografija

**Il-miri tat-tagħlim:**
**L-istudenti jkunu kapaċi jiktbu b'Malti tajjeb u li jsegwi r-regoli ortografiċi ewlenin. Għalhekk iridu:**

1. jifhmu r-regoli ewlenin tal-ortografija li jwassluhom għal kitba tajba bil-Malti.

**Il-kontenut suġġerit biex jintlaħqu l-miri:**
L-għalliema għandhom jaraw li jiddedikaw ħin speċjali biex jgħallmu r-regoli ortografiċi sempliċi li jitfixklu l-istudenti fil-kitba. Kull għalliema għandu jibni din il-parti tal-programm skont il-ħtiġijiet partikulari li jeħtieġu l-istudenti tal-klassi. Għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-iżbalji komuni li joħorġu minn kitbiet l-istudenti u jsir taħriġ apposta fuqhom fil-klassi. L-għalliema jaraw li jħarrġu l-istudenti f'eżerċizzji varji fuq:

1. it-tħaddim ta'mudelli li jgħinu fil-kitba ta' verbi bl-għ fil-bidu, fin-nofs u fl-aħħar.

2. it-tħaddim ta'mudelli li jgħinu fil-kitba ta' verbi bl-iegħ/ieh fin-nofs (qabbel mal-mudell li jaqbel bħal bierek/ħiet/sab).

| |
|---|
| 3. il-vokali i – meta tkun tal-leħen/etimoloġika b'eżempji ta' kliem komuni bħal importanti. |
| 4. il-partiċelli mqassra quddiem kelma li tibda b'vokali bħal bi fi xi, ma' ta' sa. |
| 5. it-tħaddim ta'mudelli li jgħinu fil-kitba t-tajba tan-numri 4, 7, 9; tliet/tlitt; tmint/tmien; il-wieħed fuq il-mijiet/l-eluf bħal mitt kelb u wieħed. |
| 6. għarfien u użu tal-frazzjonijiet komuni bħal nofs, kwart, tliet kwarti b'eżempji prattiċi ta' kuljum. |
| Fl-eżami annwali, l-ortografija tkun assessjata fit-taqsimiet tal-grammatika u tal-kitba. |
| **7. <u>Il-Punteġġjatura</u>** |
| **Il-miri tat-tagħlim:** **L-istudenti jkunu kapaċi jinqdew bil-punteġġjatura bażika biex il-kitba tagħhom tkun tiftiehem u tinqara sewwa. Iridu jkunu wkoll kapaċi jaqraw siltiet skont it-ton u r-ritmu muri b'dawn is-sinjali. Għalhekk l-istudenti jeħtieġ ikunu kapaċi:** |
| 1. jużaw is-sinjali ewlenin tal-punteġġjatura fil-kitba tagħhom. |
| 2. jagħrfu t-tifsira u l-funzjoni tas-sinjali ewlenin meta jaqrawhom f'test. |
| **Il-kontenut suġġerit biex jintlaħqu l-miri:** L-għalliema jaraw li jħarrġu l-istudenti f'eżerċizzji varji tal-kitba u fil-qari fuq: |
| 1. kif jiktbu sewwa l-punteġġjatura f'indirizz postali fuq envelopp. |
| 2. it-tqegħid sewwa tal-indirizzi u t-tqassim t'ittra elettronika. |
| 3. il-punteġġjatura fil-kitba ta' titlu ta' rapport, tabella, avviż, lista t'oġġetti tax-xirja. |
| 4. kif jaqraw b'ton tajjeb u ritmu mexxej skont kif indikati mis-sinjali tal-punteġġjatura fit-test. |
| Fl-eżami annwali, il-punteġġjatura tkun assessjata fit-taqsimiet tal-kitba t-twila u l-qasira. |

## It-Tqassim tal-Marki għall-Assessjar Annwali

## Il-Ħames Sena Sekondarja Rotta 1

| |
|---|
| It-taħdit fuq il-proġett: 20 marka |
| Jingħataw 20 marka għat-taħdit li jkun sar fil-klassi sal-eżami ta' Frar. Il-marka għandha tinħadem fuq **mill-inqas żewġ attivitajiet** tat-taħdit li jkun ipparteċipa/t fihom l-istudent/a. |
| Is-smigħ: 20 marki |
| Jingħataw żewġ testi, wieħed fattwali u l-ieħor fittizju u l-istudenti jimmarkaw jew jagħtu t-tweġiba t-tajba skont li jkunu semgħu. Għat-tul tas-siltiet ara l-linji gwida tal-eżamijiet tas-sekondarja. |
| Assessjar ta' xogħol tul is-sena: 10 marki |
| L-għalliema jagħtu marka fuq l-aħjar xogħlijiet li jkun għamel l-istudent tul is-sena u li jkunu xhieda tal-progress u l-ilħiq tal-miri tat-tagħlim skont dan il-programm. **Għall-eżami annwali, l-marka trid tinħadem fuq l-aħjar 2 kampjuni ta' komponimenti ġenerali u 3 kampjuni ta' kitbiet qosra magħżula mill-għalliema stess.** |
| Il-qari u l-kitba: 50 marka. |
| Il-qari: 15 -il marka. |
| 8 marki għall-fehim mill-qari u tweġib ta' għadd ta' mistoqsijiet diretti u inferenzjali fuq it-test mogħti. Għat-tul tas-silta ara l-linji gwida tal-eżamijiet tas-sekondarja 2014-2015. |
| 7 marki għall-grammatika fejn tingħata silta qasira u minnha jinħarġu mistoqsijiet/eżerċizzji grammatikali li jkopru l-punti grammatikali spjegati f'dan il-programm. Għat-tul tas-silta ara l-linji gwida tal-eżamijiet tas-sekondarja. |
| Il-letteratura: 15-il marka. |
| 8 marki għall-analiżi tal-poeżija (silta jew sħiħa) li jkunu għamlu fil-klassi. |
| 7 marki għall-analiżi ħafifa tal-karattri, l-isfond, it-tema ewlenija u l-ġrajja tan- novelli. |
| Il-kitba: 20 marka |
| 6 marki għall-kitba l-qasira skont wieħed mill-ġeneri msemmija f'dan il-programm. |
| 2 marki għall-pjan tal-komponiment ġenerali li juri ħila ta' ppjanar u tqassim. |
| 12-il marka għall-komponiment ġenerali skont it-tipi msemmija. |
| |

**It-Tabella tal-Marka Totali fl-Annwal.**

| Il-Ħila | It-Taħdit | Is-Smigħ | Xogħol tul is-sena | Qari u kitba | Total |
|---|---|---|---|---|---|
| **Il-Marka** | **20** | **20** | **10** | **50** | **100** |
| **Marki tal-istudent/a** | | | | | |

Uffiċjali Edukattivi tal-Malti,
Iċ-Ċentru tal-Kurrikulu, Il-Furjana.
Mejju 2015